**Nistħajlek**

Illum, fil-Kunċizzjoni Mqaddsa
Nistħajlek fis-sema fl-isbaħ festa,
Naf kemm hawn fl-art kont tħobb lil Marija
Qalbek bl-imħabba għaliha lesta.

Illum nistħajlek tilbes l-isbaħ libsa
Minn dawk li jħejt il-ħajjat tas-sema,
Dak il-mantar ikħal bil-burdura
Tad-deheb fin li f'hawn fl-art qatt ma ssemma.

Nistħajlek imdawwar f'kumpanija
Ta' qaddisin li lilhom int tant tħobb,
Qed narak tiċċaċra ma' Franġisku
Li l-ħajja tiegħu int ħabbejt, kont tgħożż.

Qed nara wkoll mal-ġemgħa sabiħa
Raġel bid-daqna li qiegħdha tixgħel,
Għaraftu, il-baħbuħ Patri Piju
Qed ikellmek u lilek iżiegħel.

Issa Joseph kif int qiegħed hemm fuq
Għaddilna dlonk kelma mas-Sinjura,
Biex dawk fostna li nbarmu mill-ħażen
Jersqu lejn il-qrar ma jibqgħux lura.

Illum Marija ittieh wisq x'jagħmel
Lil Ġesù Binha, veru Salvatur,
Mela Joseph itlob għall-midinba
Ħalli qalbhom lejn biss tibda' iddur.

Itlob ukoll għall-familja tiegħek
Martek u ibnek, tant għeżież għalik,
Itlob għal min ħadem hawnhekk fl-isptar
Miegħek, Alla l-ħanin is-sliem jagħtik.

Il-festa t-tajba għażiż Joe tagħna
Issa l-Kunċizzjoni qed tgħajjatlek,
Fakkarha ħafna fuq Bormla tagħna
Imgħannaq sewwa magħha nistħajlek.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.